GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 10 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Hamis 3 ta' Dicembru 2009, fis-6.00 pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
| --- | --- |
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard |

Uffiċċjali

| | |
| --- | --- |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji: - a) Petty Cash
   b) Skeda ta' Ħlas Novembru2009
5. Gheluq is-sena Finanzjarja;
6. Sekwestru fuq flus tal-Kunsill;
7. Filming f'Ħal Għaxaq;
8. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

GĦAXAQ

1. **Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 9 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Is-Sinjura Agius irrimarkat li kien hemm sentenza nieqsa f'suġġeriment li għaddiet hi fl'aħħar seduta u wara li din is-sentenza ġiet irranġata s-Sindku ressaqhom għall-approvazzjoni u ġie ssekondat mill-Kunsillier Attard.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

2. **Tagħrif mill-Minuti**

1. B'referenza għall-paragrafu tas-seduta Nru.9, fejn ġie deċiż li ssir laqgħa bejn il-ħaddiema tal-IPSL u membri tal-Kunsill, din il-laqgħa saret, kienu prezenti s-Sindku u s-Sinjura Rose Agius flimkien mas-Segretarju u l-ħaddiema ċaħdu li qalu il-kliem li ingħad.

2. Dwar l-attivita tad-Dogstrust li ser issir fit-8 ta' Dicembru 2009, ġie deċiż li din ma ssirx fuq Santu Rokku izda fejn il-funtana fil-By Pass ta' Ħal-Għaxaq. Id-Dipartiment tal-Pulizija infurmana li ma jistgħux jattendu. Is-Segretarju għamlet kuntatt ma diversi Għaqdiet li jieħdu ħsieb il-klieb biex tinfurmahom dwar l-attivita'. Is-Segretarju qalet ukoll li din l-attivita' ser tigi ffilmjata għal fuq it-televizjoni.

3. Is-Sinjura Eleonora Manicaro m'aċċettatx il-post ta' Clerk li offrielha l-Kunsill u għalhekk ġie deċiż li tiġi mpjegata s-Sinjura Rita Said li kienet it-tieni għazla tal-Kunsill. Is-Sinjura Said bdiet taħdem bi prova mall-Kunsill nhar it-Tnejn 30 ta' Novembru 2009.

4. Is-Segretarju qalet li fl-4 ta' Diċembru 2009, hi flimkien mas-Sindku kellhom laqgħa mad-Direttur tal-Cleansing Services Department sabiex jiddiskutu r-rapport ta' l-Effiċjenza tal-Kunsill Lokali. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti wkoll minn naħa tad-Dipartiment tal-Cleansing, id-Direttur is-Sur Mario Rodgers, is-Sur Angelo Attard, Kunsillier u mgħallem tal-kenniesa, il-Prinċipal is-Sur Charles Zammit, is-Sur Joe Bezzina, is-Sur Mario Ellul.

   Is-Sindku qal li d-Direttur is-Sur Rodgers waqt id-diskussjoni qal li hu ma jaqbilx kif isir ir-Rapport ta' l-Effiċjenza. Għal dan il-Kumment il-Viċi Sindku talab li din tkun imminitjata li intqal dan il-kliem mid-Direttur għax ma kienx jistenna li Direttur ta' Dipartiment jaġixxi b'dan il-mod. Il-Vici Sindku kompla jgħid li dan ir-Rapport ta' l-Effiċjenza ma jaħsibx li jsir għal xejn.

   Is-Segretarju qalet li d-Direttur tal-Cleansing Services talab li jigi ikkuntatjat dirett fuq l-email tiegħu meta jidħlu lmenti dwar il-ħmieg. Qalilna ukoll biex nieħdu ritratti ta' fejn ikun hemm il-ħmieg u ngħadduhomlu biex jieħu l-affarijiet f'idejħ.

**3.1 Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:-**

1. Mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali irċevejna Memo 73/2009 dwar PQ 12422 fuq tariffi miġbura mill-Kunsilli Lokali mingħand kuntratturi li jkunu esegwixxew xogħol ta' kostruzzjoni, fejn din ġiet imwieġba. Memo 74/2009 dwar tagħrif ta' l-impjegati tal-Kunsill. Din ġiet imwieġba. Irċevejna Memo 75/2009 li titratta, sabiex il-Memos kollha li jidħlu iridu jiġu mgħoddija lill-Kunsillieri.
   Irċevejna Memo 76/2009 dwar Ħaddiema ta' l-IPSL fuq il-ħinijiet regolari li għandhom jaħdmu. Dwar din il-Memo is-Sur Abdilla staqsa jekk hemmx xi disgwid ma' dawn il-ħaddiema. Is-Segretarju qalet li dawn il-ħaddiema ma jkunux iridu joqgħodu sal-ħin li suppost joqogħodu u jekk izzommhom sal-ħin, ix-xogħol li jingħatalhom jgħamluh bil-mod. Is-Sur Abdilla qal li dawn ma jistgħux jibqgħu sejrin hekk għaliex ir-residenti ta' Ħal Għaxaq qegħdin jistaqsu dawn x'qed jagħmlu għax jarawhom bilqgħeda ma jgħamlu xejn. Ir-Residenti jistaqsu għaliex dawn qed jitħallew ma jagħmlu xejn meta hawn ħafna xi jsir f'Ħal Għaxaq.Hemm bzonn li tinstab soluzzjoni u għalhekk waqt il-laqgħa tal-Kunsill jitfassal programm ta' xogħol li jrid isir mill-ħaddiema matul il-15 il-gurnata ta' wara l-laqgħa. Fil-laqgħa ta' wara irid jinghata rendikont tax-xogħol li jkun sar. Mhux kwistjoni ta' min jordna x-xogħol, jekk hux is-Segretarju jew is-Sindku. Dawn iridu jaqdu l-ħtigijiet tal-Kunsill.

   Is-Sindku qal li hu meta tahom biċċa xogħol dawn dejjem għamluha. Is-Segretarju qalet li mhux qed tgħid li dawn qatt ma jagħmlu xejn izda dawn ma joqgħodux sal-ħin li suppost joqogħodu.

   Memo 77/2009, li titratta is-site elettroniku www.lc.gov.mt, sabiex ikun dejjem aġġornat bl-attivitajiet li l-Kunsill ikun qed jew ser jagħmel għal pubbliku u wkoll sabiex jiġu aġġoranti l-Minuti. Irċevejna Memo 78/2009, dwar l-Għeluq tas-Sena Finanzjarja li se tkun f'Dicembru 2009. Irċevejna Memo 79/2009 dwar PQ Nru. 12455, 12456 u 12574 dwar l'uzu tal-Kunsill mill-iskejjel ta' li Stat kif ukoll liema huma d-ditti responsabbli mill-knis tat-toroq u ġew imwieġba. Dwar din il-Memo, is-Sindku qal li waqt laqgħa tas-Sindki, l-Onor. Chris Said, qal li se jipprova li minħabba li waqt li l-Kunsilli ikunu qegħdin juzaw l-iskejjel ikun hemm il-ħtieġa ta' purtinar, dan il-purtinar ma jitħallasx mill-Kunsill.

   Memo 80/2009 dwar Avviż ta' *Bye-Laws*.

   Mid-Direttur rċevejna dwar il-kuntratti dwar ġbir ta' skart imħallat u li nfurmaw li l-garanzija bankarja għandha tinħadem fuq bażi ta' sena, billi jittieħed 10% mill-valur globali u jiġi diviż b'erba'. Irċevejna e-mail fejn għarrfuna li sar depożitu ta' € 7,191.42 dwar *Disposal Fees* dawn ikopru ix-xagħar ta' Otturbu, 2009 . Irċevejna wkoll sabiex ninfurmaw lid-Dipartiment dwar xi skemi saru minn naħa tal-Kunsill dwar Ġbir ta' Skart Separat. Mid-Dipartiment irċevejna rapport ta' l-ispezzjoni tal-latrini li jkopru l-perjodu Dicembru, 2009 sa Marzu, 2010. Mid-Dipartiment irċevejna *Newsletter* ta' Novembru, 2009, tal-*Commonwelath Local Government Forum* .

2. Mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru rċevejna e-mail dwar '*EDEN IV Seminar*', li saret fis-26 ta' Novembru, 2009. Irċevejna wkoll stedina għas-Sindki ma' l-Onor. Dr. C. Said rigward il-*Public Private Partnerships* dwar it-toroq li saret fil-25 ta' Novembru li għaliha attenda is-Sindku.
Dwar din il-laqgħa s-Sindku qal li ser toħroġ skema fejn il-Kunsill jagħti lista ta' toroq għar-resurfacing u jekk il-Kunsill ikun ser joħroġ per ezempju €50,000, il-Gvern jirdoppja din is-somma u l-kuntrattur li jieħu t-tender ikun responsabbli għax-xogħol li jkun hemm bżonn bħala manuteżjoni ta' resurfacing ta' l-istess toroq għal tmien snin.
Is-Sinjura Agius staqsiet jekk il-Kunsill ikunx irid jibqa' joħrog dawn il-flus għal tmien snin, staqsiet ukoll kemm fadal toroq xi jsiru bit-tarmac. Is-Sindku qal li l-Kunsill jintrabat li joħrog dawn il-flus kull sena għal 8 snin, qal ukoll li toroq għad baqa mhux ħażin xi jsiru. Qal ukoll li hu jixtieq li t-toroq isiru kollha f'dawn l-erbgħa snin li gejjin.
Irċevejna wkoll dwar l-iskema 'Neħduk Għawdex', li din tinkludi pakketti ta' btajjel qosra ġewwa Għawdex. Għal dan il-għan tħejjew fuljetti bil-kalendarju sħiħ ta' dawn l-attivitajiet. Irċevejna wkoll dwar id-dħul fis-Seħħ ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, din il-ligi se tirregola is-settur pubbliku kollu. Ircevejna wkoll dwar Budget 2010 – dwar miżuri relatati mall-Kunsilli Lokali. Mill-Bord ta' l-Evalwazzjoni għal Skema ta' Fondi għall-Proġetti Speċjali infurmaw li l-applikazzjoni tal-Kunsill ma ġietx kkunsidrata bhala eleġibbli għal dawn il-fondi. Mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru rċevejna, li ser isir Konferenza Nazzjonali dwar il-Cohesion Policy 2007-2013 din ser issir fil-1 u 4 ta' Diċembru, 2009.

3. Mill-Ministeru għall-Politika Soċjali dwar Konferenza Nazzjonali fuq il-Familja, li ser tittella' fit-22 u 23 ta' Jannar, 2010.

4. Mill-Ministeru tal-Ġustizzja u Ntern irċevejna dokument dwar Miżuri Legali ta' Ġid għan-Negozji Żgħar u Medji.

5. Mill-MEPA infurmaw li saret laqgħa fid-19 ta' Novembru, 2009, dwar applikazzjoni Nru. PA 6909/06 fuq kostrużżjoni ta' garaxxijiet fl-inħawi tal-Millieri. Irċevejna wkoll dwar '*Collection of Municipal waste by RCV's*', sabiex dawk il-vetturi li jkunu registrati mal-MEPA jistgħu jiġbru l-iskart. Infurmaw li ser issir laqgħa fit-3 ta' Diċembru 2009 dwar PA 6909/06 li jkopri l-area ( Tal-Millieri). Irċevejna Notifika ta' Avviż għal sit f'Bur ta' Ras il-Wied fejn sar garaxx flok fossa. Irċevejna Notifiki ta' Avviż għal siti fi Triq il-Gistakor fejn estenda bitha u fi Triq il-Gudja fejn nbniet kamra fil-bitha, iddivida post u bdil f'użu ta' garaxx.

Irċevejna Applikazzjonijiet ġodda ta' żvilupp Nru. 4404/09 fi Triq iż-Żejtun sabiex isir mounting tal-karozzi fl-istess post, Nru. PA 5022/09 fi Triq San Ġorġ fejn se tgħola l-kantina u tiġi semi-basement.

Mingħand il-MEPA ircevejna wkoll it-tieni pagament tal-progett f'Ħal Dmikki (l-ewwel fażi).

6. Mill-A.D.T. dwar *half-day seminar* li sar fis-26 ta' Novembru, 2009, dwar '*Traffic Management and Health & Safety on Road Interventions'*. Għal din il-laqgħa attenda s-Sindku u qal li fdin il-laqgħa ntqal li parkeggi riservati ser jibdew isiru bin-numri. Qal ukoll li kull ħaġa li tkun ser issir, l-ADT trid tiġi mgħarrfa anke jekk tkun ser issir tabella, irid ikun hemm applikażżjoni ma' l-ADT.

7. Mingħand Philip Schembri mid-Dipartiment tar-reklami tal-ġurnal KullĦadd, dwar is-suppliment tal-Milied, 2009 tagħrif jekk il-Kunsill ikun irid jirriklama.

8. Mill-WasteServ irċevejna r-rapport ta' Ottubru dwar kemm daħal skart imħallat il-*landfill* u wkoll irċevejna sabiex ninfurmawhom dwar il-ħinijiet tal-ġbir ta' l-iskart u n-numri tal-vetturi li jsir il-ġbir bih, fejn dawn ġew mgħarrfa.

9. Mingħand l-Għaqda Mużikali San Ġużepp fejn infurmaw li xewqa tagħhom għan-Nar ta' l-art hija li ma jibqax isir mill-Pjazza Santu Rokku imma minn Triq il-Belt Valletta fil-jiem tal-festa.

   Dwar dan is-Sur Attard qal li ma jaħsibx li jaqbel li dan isir minn Triq Valletta għax generalment il-każini jieħdu 5 tijiem biex jarmaw u ħames tijiem oħra biex izarmaw. Is-Sur Abdilla qal li hu ta l-opinjoni li jingħata permess li dawn jarmaw il-Ħamis filgħodu u jzarmaw il-Ħadd filgħaxija, barra minn hekk iridu jħallu aċċess biex vettura tgħaddi minn naħa waħda tat-triq. Issirilhom ukoll kundizzjoni li jekk dawn ma jzarmawx jistgħu jittieħdu passi legali kontrihom, iżda il-Kunsillier Attard qal li jekk dawn ma jżarmawx fiz-żmien stipulat dawn ma jingħatawx permess is-sena ta' wara.. Is-Sindku qal li l-aħjar li l-ħofor għall-arbli tan-nar jgħamilhom il-Kunsill. Is-Segretarju qalet li l-Kunsill ma jistax jagħmel xogħol għall -Kazini. Il-Viċi-Sindku qal li l-ħofor jagħmluhom tal-każin u l-Kunsill qabel. Is-Sindku qal ukoll li għal dawn il-ġranet, it-trakijiet il-kbar iridu jingħataw permess biex jgħaddu mir-raħal. Il-Kunsill qabel.

   Irċevejna wkoll li l-istess Għaqda ser ittella' programm mużikali għal ġranet tal-Milied u qed titlob l-għajnuna tal-Kunsill. Sar qbil li l-Kunsill jikteb lill-Għaqdiet kollha u b'estratt mill-ligi l-ġdida fejn hemm li l-Kunsill ma jistgħax jgħati l-ebda donazzjoni.

   Irċevejna Stedina għas-Sindku sabiex jħeġġu lin-nies jagħtu donazzjoni b'risq l-Għaqda Filantropika ta' Ħal Għaxaq.

10. Mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' dwar 'Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilita' bjn it-3 u 10 ta' Dicembru 2009.

11. Irċevejna stedina mingħand is-Sinjura M. J. Zammit dwar '*Via Crucis*', xogħol ta' l-artist Austin Camilleri nhar il-Gimgha 20 ta' Novembru 2009.

12. Mingħand *Leon Promotions*, proposti li qed iniedu għal Karnival 2010.

13. Irċevejna mingħand l-Engineer A. Runco sabiex jiltaqa' mal-Kunsill dwar il-Ħażna ta' l-Impjant taż-Żejt li hemm propost fi Triq il-Belt Valletta. Il-Kunsill qabel li jigi ikkuntattjati l-Avukat u l-Perit biex issir laqgħa ma' l-Engineer Runco.

14. Mingħand il-*Malta Qualifications Council* dwar Il-Konferenza Nazzjonali li ser isir fil-15 ta' Diċembru, 2009.

15. Mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop, fejn informa li ser jiġi mniedi l-ewwel kors fuq il-biedja organika bejn it-18 ta' Novembru, 2009 u s-27 ta' Jannar, 2010.

16. Mill-Fondazzjoni GAL Xlokk l-Aġenda tal-laqgħa li saret fid-19 ta' Novembru, 2009. Irċevejna wkoll li ser tiġi organizzata laqgħa u wkoll sessjoni ta' taħriġ għas-Sindki, Kunsillieri u Segretarji Eżekuttiv fis-27 ta' Novembru, 2009, bejn is-7:00 u t-8:00 p.m., ġewwa Ħal Luqa. Irċevejna wkoll il-proċeduri w regolamenti tal-fondazzjoni skond l-istatut. Irċevejna wkoll dati mportanti tal-laqgħat li ser isiru u wkoll sabiex il-lokalita' tax-Xgħajra tigi xolta minn membru tal-fondazzjoni sakemm tiġi revokata deċiżjoni mressqa quddiem il-Kummissjoni Ewropeja sabiex il-kosta tax-Xgħajra tkun il-mezz li tifred din il-lokalita' minn dik ta' Wied il-Għajn. Ġejna mgħarrfa dwar l-azzjoniiet li ġew emendati w approvati fl-aħħar laqgħa li seħħet fis-26 ta' Novembru, 2009. Infurmaw ukoll li ser issir konferenza stampa fil-5 ta' Diċembru, 2009, filgħodu, il-Kunsill Lokali Kirkop.

17. Mingħand il-Membru Parlamanetari Stefan Buontempo, dwar laqgħa li tkopri x' aspetti kien hemm li laqtu lill-Kunsilli Lokali fil-Budget 2010. Irċevejna wkoll Stqarrija dwar Kundanna għall-aġir tal-media tal-PN għal Istqarrija dwar 'Is-Sindki Għawdxin sodisfatti bil-Badgit'.

18. Mingħand *Innovaxin International Ltd.*, dwar attivita' li tikkonċerna it-turiżmu fl-area tal-lokalita' ta' Ħal Għaxaq.

19. Mill-A.K.L., fejn infurmawna li sar depożitu ta' €68.47, € 163.13 u € 213.69, għax-xhur ta' Lulju, Awissu u Settembru, 2009, rispettivament, fil-kont tal-LES, fejn dawn ikopru ċ-ċitazzjonijiet li tħallsu *on*-line. Infurmawna wkoll li d-differenzi li hemm fl-ammonti fir-rigward tal-ħlas tal-multi, dan qed jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li jinqatgħu mill-BOV u mhux biex issir xi forma ta' qliegħ mill-Assoċjazzjoni. Infurmawna wkoll sabiex ma jsirx il-ħlas ta' l-*invoice* rigward *e-mail addresses* ġodda għal xi Kunsillieri, għax m'hemmx ftehim għad bejn il-partijiet involuti u wkoll dwar l-*invoice* mingħand il-*WasteServ* infurmaw li jekk l-ammont dovut ikun aktar minn dak l-ammont li d-Dipartiment jkun alloka lill-Kunsill, għandu jitħallas l-ammont ikkalkolat mingħajr il-VAT, meta jkun il-każ. Mill-A.K.L. dwar l-Assikurazzjoni tal-Flus fil-Kunsilli Lokali. Il-kunsill qabel li din l-assikurazzjoni ghandha issir.
Mill-A.K.L. dwar *Youth in Action Project* sabiex il-Kunsill jinnomina persuni żgħażagħ bejn 18 u 25 sena għal dan il-proġett.

20. E-mail mingħand Ms. Bugeja, fejn xtaqet l-approvazzjoni tal-Kunsill, sabiex ikun jista' jsir *filming* fl-area tal-Bypass, nhar it-8 ta' Diċembru, 2009. Hi għandha wkoll il-permessi tal-pulizija sabiex jiġi approvat mill-Kunsill.

21. Mingħand is-Sur Bonavia tal-Kumitat Konġunt Grupp G, sabiex nikkonfermaw l-ammont li allokat lill-Kunsill sal-31 ta' Ottubru, 2009.

22. Mingħand il-*Beta Pharmacy*, infurmaw li t-tilqima ta' l-influwenza ġiet mogħtija lil 305 persuna, dawk li ġew jinkitbu l-Kunsill u wkoll għandna l-lista tagħhom.

23. Mill-Kumitat Kontra l-Impjant għar-Riċiklaġġ, dwar l-Avviż għas-Smiegħ li ser issir fil-26 ta' Marzu 2010 fit3.45pm.

24. Mingħand is-Sur R. Zammit, irċevejna sabiex tingħata wiċċ ġdid fi Triq Ġdida fi Triq il-Belt Valletta, anness pjanta. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lis-Sur Zammit u tinfurmah li din it-triq se tidħol fil-programm ta' toroq li jridu jsiru mill-Kunsill.

25. Mingħand *Schembri Infrastructures Ltd.*, sabiex jinfurmaw dwar ir-reviżjoni fil-prezzijiet dwar ix-xogħlijiet tal-*Housing Estate*. Dwar din, is-Sur Abdilla qal li l-aħjar navviċinaw lill-Avukat tal-Kunsill biex jara Schembri jistax jgħolli l-prezz meta dan kien ikkwota prezz ieħor fit-tender. Is-Sindku qal li nistgħu l-ewwel ninfurmaw lill-Schembri li l-Kunsill mhux se jaċċetta prezz għola milli kkwota Schembri fit-tender u wara navviċinaw lill-Avukat.

26. Stedina lis-Sindku, mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi għal programm Strumentali li ser isir fit-12 ta' Diċembru, 2009, l-Universita'.

27. Mill-Maltapost sabiex jinfurmaw li Rose Bazaar ta' Triq St.Marija mhux ser jibqa' jservi bħala *Sub-Post Office* u minflok qed jipproponu 'Marcham', ta' Triq St.Marija, sabiex jaraw il-Kunsill għandux xi oġġezzjoni.

28. Mingħand l-Isptar Monte Carmeli, dwar l-attivita' '*Christmas Fair 2009*', sabiex jippromwovu din l-inizjattiva' fil-lokalita'.

29. Il-Kappillan informa li ser issir Purċissjoni bis-Sagrament Imqaddes nhar, l-Erbgħa, 16 ta' Diċembru, 2009, filgħaxija, għal approvazzjoni tal-Kunsill.

30. Ircevejna ittra mingħand il-Faces fejn infurmawna li biex jitressaq il-Bus Shelter, li spiza se tkun ta' €1635 mingħajr il-VAT kif ukoll €165 biex titħallas l-EneMalta sabiex tiskonettja u terġa tikkonnettja d-dawl. Dwar dan, is-Sindku qal li ċertu xogħol li l-Kumpanija Faces qed tikkwotalna għalih ma għandux bżonn isir għax diġa lest u allura l-ispiza ma għandhiex tkun daqshekk għolja. Il-Kunsill qabel li jikteb dwar dan lill-Kumpanija Faces.

**3.2 <u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill :-</u>**

a) Intbagħatet e-mail lis-Sur David Soler, tat-Tribunal Lokali, dwar sekwestru mingħand Dr. I. Sammut ta' € 23,000, fejn intalab jagħti spjegazzjoni ta' dan. Irċevejna risposta u rċevejna wkoll il-Protest Gudizzjarju minn naħa ta' l-Avukat Sammut. Minn naha tal-K.K ircevejna kopja tar-rikors li ghamel l-Avukat Mallia.

b) Intbagħatet e-mail lis-Sur M. Stivala ta' IPSL dwar il-ħinijiet ta' xogħol li suppost jagħmlu il-ħaddiema li għandna assenjati magħna.

c) Lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar talba li l-Kunsill jixtieq li jsir '*Dog Show*', fit-8 ta' Diċembru, 2009. Ġejna infurmat li t-talba tagħna ma ġietx milqugħa.

d) Lill-MEPA fejn intbagħat iċ-ċertifikat tal-Perit għat-tieni pagament ta' l-ewwel fażi tal-proġett ta' Hal Dmikki.

e) Intbagħatet e-mail lill-President ta' Malta, fejn ġie mistieden sabiex ikun preżenti, għall-*coffee morning* li ser jiġi organizzat mill-Kunsill Lokali, fl-24 ta' Novembru, 2009, b'risq il-*Community Chest Fund*.

f) Lic-Chairman ta' l-Enemalta fejn saret talba għal żewġ bozoz ġodda fi Trejqet Santu Kristu, (annessa mappa).

## 4. Materji Finanzjarji

*4.1.1* *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Novembru u li kienu jammontaw għal €29.63 Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill.
Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Agius.

*4.1.2* *Skeda ta' Ħlas – Novembru 2009*: Is-Segretarju poġġiet fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Ottubru 2009 u li jammontaw għal €22,043.55. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-ħlas u ġie sekondat mis-Sur Attard. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5. Gheluq is-sena Finanzjarja

Il-Vici Sindku qal li r-rapport tal-Finanzi li qabel kien jigi ppreparat fi Frar u Marzu issa jrid jigi ppreparat sa' l-aħħar ta' Diċembru. Irid isir il-Budget kif ukoll il-Business Plan. Il-Viċi Sindku staqsa lis-Segretarju jekk issa tkunx tista tieħu l-leave. Is-Segretarju wiegbet li hi mhux se tkun tista tiehu il-leave kollu sa l-aħħar tas-sena minħabba x-xogħol li jrid isir għall-għeluq tas-sena finanzjarja f'Diċembru 2009. Hi talbet biex il-leave li jibqa tieħdu s-sena d-dieħla. Is-Sindku qal li trid tieħdu sa' Jannar izda hi qalet li sa' Jannar impossibli li tieħdu minħabba li tkun trid issir ukoll il-laqgħa tar-residenti. Is-Sindku qal li trid tieħdu lejn il-bidu tas-sena.

## 6. Sekwestru fuq Flus tal-Kunsill

Il-Viċi Sindku qal li kien urtat ħafna meta rċieva telefonata mill-BOV fejn qalulu li kien hemm talba ta' sekwestru ta' €23,000 fuq flus tal-Kunsilli li huma msieħba fil-Kumitat Kongunt. Qal ukoll li mar il-Kunsill u talab spjegazzjoni lis-Segretarju u minħabba li hi ma kienet taf b'xejn talabha biex titlob spjegazzjoni mingħand il-Kumitat Kongunt dwar x'kien ġara u għaliex dawn il-flus ġew sekwestrati.

Is-Sur Abdilla zied jgħid li sar jaf li nħareg tender għal Prosekutur biex iservi fil-Kumitat Kongunt u dan it-tender kien jispeċifika li min japplika jrid ikollu l-warrant għal 4 snin w esperjenza ta' 5 snin bħala Prosekutur. Għal din it-tender applikaw tlieta, wieħed ġie skwalifikat, u bejn Dr. Ivan Sammut u Joe Mifsud l-għażla saret fuq

Dr. Joe Mifsud, li dan skond Dr. Sammut ma għandux il-kwalifiki meħtiega. Is-Sur Abdilla qal li ma jixtieqx jidħol f'dan il-mertu iżda jixtieq ikun jaf, jekk il-kawża tintilef minn se jkun responsabbli li s-somma ssekwestrata li wara niżlet għal €3,349 tittieħed mill-flus tal-Kunsill. Is-Sur Abdilla qal ukoll li l-membri tal-Kumitat Kongunt jirrappreżentaw lill-Kunsilli u mhux lilhom infushom u għalhekk iridu jkunu responsabbli lejn il-Kunsilli. Kull min jieħu deċizzjoni irid ikun responsabbli tagħha u għalhekk iżomm lil dawn ir-rappreżentanti responsabbli jekk tittieħed deċizzjoni ħażina li tkun se taffetwa ħażin lill-Kunsilli

Is-Sur Abdilla qal ukoll li meta jsir ftehim ta' parteċipazzjoni minn naħa tal-Kumitat Kongunt u din tkun se taffettwa l-flus tal-Kunsill irid ikun hemm l-approvazzjoni tal-Kunsill.Qal ukoll li c-Chairman qed jaħdem ħazin meta ma jieħux l-approvazzjoni tal-Kunsilli nvoluti. Staqsa ukoll, issa li se ninqatgħu minn dan il-Kumitat Kongunt u mhux se jkollna kuntatt magħhom x'se jigri għax xi ħadd irid iwiegeb.

Is-Sinjura Agius staqsiet lis-Sindku jekk hux veru li l-membri tal-Kumitat Kongunt jitħallsu meta jattendu l-laqgħat tal-Kumitat Kongunt. Is-Sindku wiegeb, li l-membri jitħallsu €20 kull laqgħa li jattendu. Qal li kienet ittieħdet deċiżjoni li l-membri jibdew jitħallsu. Is-Sinjura Agius żiedet li tinkiteb ittra lill-kumitat Kongunt biex il-Kunsill isir jaf meta ttieħdet id-deċizjoni li l-membri jitħallsu meta ma ntalbitx approvazzjoni tal-Kunsilli, għax dawn il-flus huma telf mill-finanzi tal-Kunsill.

## 7. Filming f'Ħal Għaxaq

Is-Sindku qal li nhar it-Tlieta 8 ta' Diċembru 2009 ser isir ġbid ta' film f'Dawret Ħal Għaxaq u din it-triq ser tkun magħluqa għat-traffiku minbarra l-karozzi tal-linja. Il-Kumpanija ġiet għall-approvazzjoni tal-Kunsill u s-Segretarju qalet li minħabba li l-Kumpanija riedet l'approvazzjoni malajr għax riedet tinforma lill-Pulizija, hi ċemplet lill-Kunsillieri kollha biex tavzahom b'dak li kien ser isir biex lill-Kumpanija tinforma li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni minn naħa tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li ser isir xi sparar u ħruq ta' karozza izda il-Kumpanija tal-films ħasbet għal kollox, fire engine, pulizija, ambulanza, etc.

## 8. Suġġerimenti mill-Kunsillieri.

a) Is-Segretarju talbet biex jieħdu opportunita' li qed toffri l-Kumpanija Go. Din l-Kumpanija qed toffri servizz ta' roaming Internet, telefonati b'xejn, reception tat-television kif ukoll offerti oħra fuq it-telephones abbonati mal-GO. Il-Kunsill qabel li jinġiebu l-prezzijijiet ta' din l-offerta.

b) Is-Segretarju staqsiet xi ħsieb hemm li jsir mill-kompjuters. Il-Kunsill qabel li dawn mhux vjabbli li jinzammu.

c) Dwar is-Sibt ta' wara l-Milied, u l-ewwel tas-sena, is-Segretarju staqsiet jekk il-Kunsill jinfetaħx. Il-Kunsill qabel li jigi mistoqsi d-Dipartiment tal-Kunsilli, izda sadanittant daħlet memo 82/2009 fejn ġie speċifikat li għal din is-sena minħabba li anke il-banek ser ikunu magħluqin, is-Sibtijet 26 ta' Diċembru u 2 ta' Jannar il-Kunsilli ma jiftħux.


15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

d) Is-Sindku qal li se titwaħħal is-CCTV kamera fejn il-grawnd tgħati l-isfel lejn Bir-id-Deheb. Il-Kunsill qabel unanimament.

e) Is-Sur Vassallo qal li jeħtieg li nqabbdu l-kuntrattur biex jagħmel patching fi Triq Gian Mari Dalli kif ukoll fis-Service Road tal-Bypass għax il-ħofor li hemm huma kbar ħafna. Il-Kunsill qabel.

f) Is-Sur Vassallo qal ukoll li hemm il-ħtiega li ssir rampa fi Triq San Filippu fejn l-arblu tad-dawl. Il-Kunsill unanimament qabel.

g) Is-Sur Attard qal li hemm il-ħtiega li tinkiteb ittra lill-ADT biex isir double yellow line fi Triq San Pawl. Il-Kunsill unanimament qabel.

h) Is-Sindku qal li l-Gvern se joħrog skema biex jitranġaw il-pjazzez. Hu jixtieq li tigi irranġata Pjazza Dun Guzepp Naudi fejn isir pavimentar u Pjazza Santu Rokku fejn isir refurbishment tal-bandli u bankijiet. Il-Kunsill unanimament qabel.

i) Il-Kunsill approva il-kwotazjoni ta' Scan Computers li tammonta għal €353 sabiex il-kompjuters ikollhom il-licenzja tal-Microsoft Office 2007 Professional OEM Licences u biex jinbidlu minn Windows 7 Premium għal XP Professional.

j) Il-Kunsill qabel fuq l-għazla tar-rigali għat-tfal għal party tal-Milied.

k) Is-Sindku qal li l-irħas pjanti tal-Hibiscus huma ta €6.70 għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li dawn jinxtraw kif ukoll pjanti tal-ġizi.

**Aggornament**

Is-Sindku fit-8.45p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn 28 ta' Dicembru 2009 fl-4.30pm.

| | |
|---|---|
| **Emanuel Vassallo** | **Therese Xuereb** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati:- it-Tnejn 28 ta' Dicembru 2009 fis-4.30pm.